**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

**Seduta 16 ta' Frar, 2018**

**Avviz nru: 519/2017 AM3**
**Numru fuq il-lista: 38**

**Adrian Cutajar (K.I.144279M)**
**Ezercitanti fin-negozju bl-isem Audio Images**
**Triq Zaren Dalli,**
**Birzebbugia**
**Vs**
**Etienne Galea (K.I.459877M)**
**28 Flat 1, Triq Zaren Dalli,**
**Birzebbugia**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-14 ta' Novembru, 2017 illi permezz tiegħu l-attur talab minghand il-konvenut is-somma ta' mitejn u wiehed u tmenin ewro (€281) bilanc ta' somma akbar dovuta kwantu ghal bejgh ta' apparat elettroniku mill-attur lil konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda bil-gurament ta' l-attur li kkonferma li l-bilanc ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, wara li l-attur ikkonferma fis-seduta tal-lum li l-bilanc ghadu dovut, it-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` tal-attur u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u wiehed u tmenin ewro (€281) bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**